Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-27 ta' Settembru 2007 — Il-Kummissjoni vs Il-Portugall

(Kawża C-35/07)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2004/28/KE — Prodotti mediċinali veterinarji — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst"

Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 7)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2004/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, li temenda d-Direttiva 2001/82/KE fuq il-kodiċi tal-Komunità dwar prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 136, p. 58).

Dispożittiv

1) Billi ma adottatx id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi kollha neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2004/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, li temenda d-Direttiva 2001/82/KE fuq il-kodiċi tal-Komunità dwar prodotti mediċinali veterinarji, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond l-imsemmija direttiva.

2) Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata għall-ispejjeż.